MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2003

Numru 818/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Zarb)**

**vs**

**Ahmed Wahad Kamel Ahmed Fathalla**

**Seduta tal-lum 06 t'Ottubru, 2003.**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra ***Ahmed Wahad Kamel Ahmed Fathalli,*** ta' 29 sena, bina Kamel u Reda, mwieled El Bahera, l-Egittu, fis-06 ta' Dicembru, 1974, residenti 'St. Gellen Court' Flat 5, Triq il-Gufen, Il-Qawra, San Pawl il-Bahar detentur tal-karta ta' l-identita numru 21931A,

Talli fil-perjodu ta' bejn il-21 ta' Settembru u l-04 t'Ottubru, 2003, fil-fond 'St. Gellen Court' f'San Pawl il-Bahar, u f'diversi bnadi ohra nadwar dawn il-Gzejjer, f'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

(1) bena, biddel, ghamel, ippossjeda, biegh jew xtara apparat li bih kien jista jikkonnetti kontra l-Ligi ma' sistema tat-telekommunikazzjoni, u dan bi ksur ta' l-artikolu 298A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) xjentement laqa' ghandu jew xtara affarijiet misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex imexxihom jew ibieghho, u dan bi ksur ta' l-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat. Il-Qorti accertat ruhha li l-imputat fehem l-akkuza u wara li taghtu zmien sufficjenti biex jikkontempla l-ammissjoni tieghu u rega' wiegeb li huwa hati.

Ghalhekk issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Wara li rat l-artikoli 298A u 334 Kap 9.

Wara li rat l-fedina penali ta' l-imputat u tenut kont ta' l-ammissjoni tieghu fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Tilliberrah bill-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor sa zmien sentejn mil-lum skond l-art. 22 Kap 446.

Il-Qorti spjegat l-obbligi naxxenti minn din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------